# Kemm taf dwar l-istorja tas-Sigurtà Soċjali f'Malta?

Miġbura mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

Ta' min jinnota li l-kontenut ta' dan il-fuljett huwa biss għal skopijiet ta' informazzjoni u m'għandu l-ebda skop legali.

MINISTERU GĦALL- FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

# Kelmtejn mill-Ministru



Din is-sena, qed niċċelebraw is-60 Anniversarju minn meta f'pajjiżna bdew jitqiegħdu s-sisien tas-sistema tas-Siġurtà Soċjali kif nafuha llum. Meta nsemmu s-sena 1956 irridu niftakru li kien żmien diffiċli, meta pajjiżna ma kellux rajh f'idejh u n-nefqa annwali tal-Gvern Nazzjonali kienet tiddependi mill-approvazzjoni u l-ġenerożità tal-Gvern Ingliż.

Kienet diġà esperjenza diffiċli għall-istess Gvern Malti li fl-1948 minkejja d-diffikultajiet kollha anke lokalment, irnexxilu jintroduċi f'pajjiżna l-Pensjoni tal-Età. Iżda kien fis-7 ta' Mejju 1956 li l-Gvern Malti daħħal liġi msejsa fuq il-kontribuzzjoni tal-bolla mill-impjegat, minn min iħaddmu u mill-iStat sabiex meta persuna tispiċċa mix-xogħol bl-età, tkun assigurata li jkollha pensjoni biex tkun tista' tgħix. Hawn inkun qed nonqos jekk ma nsellimx lit-Tabib Antonio Schembri Adami li kien l-ewwel Ministru tas-Servizzi Soċjali.

X'inhu s-sinifikat tas-Servizzi Soċjali llum fl-2016? Kulħadd huwa konxju kemm l-ispiża f'dan il-qasam kibret u kemm ukoll il-poplu huwa konxju tal-firxa tal-benefiċċji kollha li joħorġu minn dan id-dipartiment. Dan jurina kemm irridu nkunu bil-għaqal biex naraw li kull persuna tieħu dak biss li hija intitolata għalih.

Irridu wkoll naħsbu u nippjanaw mhux biss għall-ħtiġijiet tal-lum iżda naraw u nassiguraw li fil-ġejjieni s-sistema li nħaddmu f'dawk li huma pensjonijiet u benefiċċji, tibqa' waħda sostenibbli. Din hija sistema li trid issostni l-persuni li jilħqu l-età tal-pensjoni - persuni vulnerabbli: dawk li jimirdu, jitilfu l-impjieg u l-bqija.

Għalhekk, filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom bħala Ministri f'dan id-dekasteru u lill-impjegati kollha li ħadmu f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar 60 sena, nixtieq ukoll nappella lill-poplu Malti u Għawdxi kollu sabiex jagħmel użu tajjeb mill-benefiċċji li joffri l-iStat u jitlob biss dak li huwa bi dritt tiegħu.

Michael Farrugia
Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali

# Kif evolviet l-idea ta' sistema ta' sigurtà socjali?

Is-Sistema ta' Sigurtà Soċjali f'Malta, kif nafuha llum, oriġinat minn soċjetà ta' qassisin li kienu magħrufin bħala *"Veneranda Società dei Preti"* li twaqqfet f'Mejju tal-1664 biex tipprovdi assistenza spiritwali u materjali lill-membri tagħha meta dawn kienu jkunu morda jew ma jifilħux iqaddsu l-quddies.

Imma kellhom jgħaddu 200 sena biex tinħoloq kuxjenza dwar l-isfidi li kienu qed ikollhom jaffaċċjaw il-ħaddiema Maltin. Kien fl-1863 meta Dott. Nicola Zammit, mis-Siġġiewi (direttur u editur tal-pubblikazzjoni *L'Arte*) ta vuċi lil dawn il-ħaddiema f'dan ir-rigward. Dott. Zammit kien jemmen li meta wieħed jagħti karità, wieħed ikun qiegħed jipprovdi biss soluzzjoni temporanja. Kien għalhekk li ppropona t-twaqqif ta' *"Mutual Help Society"* sabiex tgħin il-faqar jonqos kif ukoll biex ittejjeb il-prospetti tal-klassi tal-ħaddiema. Dan seta' jseħħ permezz ta' 3 inizjattivi msemmija hawn taħt:

1. Il-fondazzjoni ta' skejjel tas-snajja', sabiex jitjiebu l-ħiliet tal-ħaddiema.

2. It-twaqqif ta' fond li kien iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet li kienu jagħmlu l-membri. Dan il-fond kellhom jibbenefikaw minnu dawk il-kontributuri li jkunu qed isofru minn xi marda, kemm jekk temporanja u kemm jekk fit-tul, inkella xi forma ta' diżabilità.

3. It-twaqqif ta' bank li kellu jiffaċilita l-problema ta' dejn sabiex jagħti lok lill-membri biex ikabbru n-negozju.

Sfortunatament, dan il-proġett ma seħħx għaliex kien jeħtieġ l-appoġġ ta' 5,000 membru. Però l-pjan propost minn Dott. Zammit serva ta' mudell u eventwalment ġie implimentat minn soċjetajiet oħra li twaqqfu iktar 'il quddiem.

Għoxrin sena wara, l-Inġinier Angelo Caruana waqqaf il-"*Mutual Help Society for Maltese Artisans*" bl-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet materjali u l-moral tal-Maltin. Fl-ewwel indirizz tiegħu lill-ħaddiema Maltin, l-Inġ. Caruana kiteb:

*"Ħarist lejn il-progress tal-Mutual Help Societies madwar id-dinja u l-benefiċċju li osservajt qalb il-klassi tal-ħaddiema, ispirani biex nipproponi l-idea li nwaqqfu waħda simili hawn Malta."*

L-Inġ. Caruana ġie akkużat li qed jippromovi l-Protestanteżmu. Minħabba dawn l-akkużi, l-isem kellu jinbidel għal "*Società Operaia Cattolica*" fejn din is-soċjetà baqgħet attiva sa Awwissu 1979, b'turija tal-professjonalità u d-dedikazzjoni tal-membri u l-amministrazzjoni. Fost il-presidenti onorarji, nistgħu nsemmu lil Dott. Fortunato Mizzi u l-Isqof Antonio M. Buhagiar.

Din is-soċjetà ppromoviet l-importanza li l-ħaddiema Maltin ikollhom xi forma ta' sigurtà meta dak li jkun ma jkunx jista' jmantni lill-familja tiegħu. Din l-idea ntlaqgħet b'entużjażmu hekk kif id-drawwa li jinbiegħu l-oġġetti ta' valur, ma kinitx soluzzjoni għal dejjem. Dan il-bżonn ta' sigurtà, instiga interess qawwi tant li bdew jitwaqqfu diversi "*Mutual Help Societies*" sabiex jitjiebu l-istandards soċjali tal-membri partikolari. Dawn is-soċjetajiet twaqqfu fi ħdan diversi organizzazzjonijiet bħal każini tal-banda, il-ħaddiema tat-Tarzna eċċ.

Però ma kienx qabel l-1929 li l-ewwel miżura leġiżlattiva dwar skema kontributorja, ġiet fis-seħħ bl-introduzzjoni tal-*Workers Compensation Act.* Dan l-att kien ikopri dawk il-ħaddiema li jkunu korrew fuq il-post tax-xogħol u li għalhekk ma setgħux iżommu xogħol permanenti. Bħala kumpens dawn il-ħaddiema kienu jingħataw l-ekwivalenti ta' €1.40c fil-ġimgħa. U dawk ir-romol li żwieġhom kien ikun miet fuq ix-xogħol, kienu jingħataw l-ekwivalenti ta' €1.16c fil-ġimgħa. Il-kontribuzzjonijiet imħallsa kienu jammontaw għall-ekwivalenti ta' €0.03c għall-kartuna tas-Siġurtà Soċjali, mentri min iħaddem u l-ħaddiem kienu jitħallsu l-ekwivalenti ta' €0.01c fil-ġimgħa kull wieħed.

Dan il-fuljett jiġbor fih diversi avvenimenti li ħallew marka fl-istorja tas-sistema tas-Sigurtà Soċjali f'Malta.

## 1929

Din is-sena timmarka l-ewwel liġi: **il-Workers Compensation Act** li għamlet l-assigurazzjoni obbligatorja, f’każ li xi ħaddiem jindarab fuq il-post tax-xogħol.


Price 3d.

DEPARTMENT OF LABOUR – MALTA.

Contribution 2d. a week. Employer 1d. Worker 1d.

Kontribuzzjoni 2d. fil-gimgha. MIN IHADDEM 1d. IL-HADDIEM ... 1d.

LABOUR AND EMIGRATION 9 AUG 1940

WORKMEN'S COMPENSATION ORDINANCE, 1934.

Contribution Receipt Book. No. 49804

(Valid from 22nd July, 1940, up to 17th August, 1941).

Surname (Kunjom)

Christian Name (Isem)

Address (Indirizz)

## 1942

L-introduzzjoni tar-**Relief Fund** li ġiet implimentata permezz ta’ politika amminstrattiva.



# Kont taf li ...

Fil-passat, kull informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali kienet b’tant reqqa tiġi rrekordjata u miżmuma f’mijiet ta’ *ledger sheets* bħal dawn t’hawnhekk.


000425 A

(1) SURNAME (BLOCKS) MICALLEF

(2) OTHER NAMES (BLOCKS) NAZARENE

(3) ADDRESS

(4) FATHER'S NAME (IN FULL)

CONTRIBUTIONS

BENEFITS

NOTES

**1948**

Introduzzjoni tal-**Att dwar il-Pensjoni tal-Età** li permezz tagħha dawk l-anzjani li qatt ma kienu jaħdmu, bdew jirċievu **pensjoni mhux kontributorja.**

**1956**

Introduzzjoni tal-**Att dwar Assistenza Nazzjonali** li pprovda assistenza lil kategoriji differenti ta' nies fil-bżonn mingħajr ma jkunu obbligati li jħallsu xi forma ta' kontribuzzjoni.

Barra minn hekk, din is-sena ġew introdotti diversi benefiċċji soċjali u pensjonijiet kontributorji permezz tal-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali.

Malta u r-**Renju Unit** iffirmaw ftehim reċiproku li wassal biex dawk il-kontribuzzjonijiet li tħallsu fir-Renju Unit, ġew validi fis-sistema Maltija u viċe-versa.

**L-Att dwar il-Pensjoni tal-Età** ġie estiż għal **nies neqsin mid-dawl** li kellhom iktar minn 40 sena.







## Kont taf li ...

F'dawn il-*ledgers sheets* kienet tinżamm l-informazzjoni neċessarja ta' kull pensjonant Malti, inklużi r-rati u l-perjodi tal-ħlas tal-pensjoni.



**1962**

**Persuni neqsin mid-dawl** ġew eliġibbli li jirċievu pensjoni mill-età ta' **14-il sena.**

**1963**

L-età pensjonabbli ġiet imnaqqsa minn 65 għal **63 sena.**

**1965**

Il-liġi ġiet emendata sabiex l-**iskema tas-Sigurtà Nazzjonali**, minbarra li tkun tkopri l-impjegati, tkun tkopri wkoll lil dawk iċ-ċittadini li jaħdmu għal rashom, kif ukoll lil min m'għandux impjieg.

Ġew introdotti wkoll il-**Pensjoni tal-Invalidità** u l- ***Allowance* Speċjali għar-Romol.**









**1965 - 1971**

L-età pensjonabbli ġiet imnaqqsa bil-mod mill-età ta' 63 sena għal dik ta' **61 sena.**



**1971**

**Id-distinzjoni bejn l-irġiel u n-nisa** f'dawk li huma kontribuzzjonijiet u benefiċċji, ġiet eliminata.



**1972**

Ġie introdott **Bonus Annwali** lill-pensjonanti u lil dawk li jirċievu assistenza soċjali.



## Kont taf li ...

Bħal-*ledger sheets* tas-Sigurtà Soċjali, ir-rekord tar-reġistrazzjoni fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali ta' persuna, kienet tinżamm f'mijiet ta' paġni żgħar bħal din t'hawnhekk.



**1974**

Introduzzjoni tal-***Allowance* tat-Tfal** u tal-**Pensjoni tad-Diżabilità.**



**1978**

Il-kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Nazzjonali ma baqgħux jiġu kkreditati lill-fond tas-Sigurtà Nazzjonali imma lill-**Fond Konsolidat tal-Gvern.**

Bl-istess mod, **il-benefiċċji** bdew jitħallsu mill-Fond Konsolidat tal-Gvern.

**Bidla fis-sistema ta' ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali**: Minn April ta' din is-sena, il-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet tal-NI ma baqgħux f'forma ta' bolla, imma bdew jitħallsu b'pagament dirett lid-**Dipartiment tat-Taxxi Interni.**



**1979**

Introduzzjoni tal-iskema tal-**Pensjoni taż-Żewġ** Terzi u l-**Pensjoni Minima Nazzjonali.**

**Ir-rata tal-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali** bdiet tiġi kkalkulata abbażi tad-dħul u s-salajru.





**1981**

Introduzzjoni tal-**Benefiċċju tal-Maternità.**



**1986**

Introduzzjoni tal-**Assistenza Soċjali (SAF)** fejn l-Assistenza Soċjali ġiet estiża għal dawk ix-xebbiet u romol li huma weħidhom u jkunu qed jieħdu ħsieb xi anzjan jew qarib b'diżabilità.



**1987**

Amalgamazzjoni tal-Att dwar il-Pensjoni tal-Età, l-Att dwar l-Assistenza Soċjali, l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u l-Att dwar id-Direttur tas-Servizzi Soċjali f'liġi waħda: **l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.**



**1988**

Ġiet introdotta ***l-Allowance* għal Tfal b'Diżabilità.**



## Kont taf li ...

Il-frażi 'tħallas il-bolla' kienet litteralment tirreferi għas-sistema l-antika fejn proprju bolla kienet il-mezz li bih wieħed iħallas kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali.



**1989**

Ġiet introdotta *l-Allowance* **Supplimentari għall-Orfni.**

**1992**

Ġiet introdotta l-**Pensjoni tal-Wens** biex tassisti lil dawk il-persuni li jkunu qed jieħdu ħsieb ta' qraba li ma jistgħux jiċċaqalqu mis-sodda jew mill-*wheelchair.*

**1996**

Ġiet introdotta l-**Għajnuna Supplimentari** għal dawk iċ-ċittadini Maltin li d-dħul tagħhom kien inqas minn ċertu livell.

**Riforma fl-*Allowance* tat-Tfal** li wieħed jista' jiġi intotalat għaliha jekk jgħaddi mit-**test tal-mezzi**.

**1997**

Riforma fl-assessjar tal-**Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali** għall-Pensjonanti tas-Servizz.











**1998**

**In-nisa u l-irġiel jibdew** jitqiesu ndaqs f'dik li hi **Pensjoni tar-Romol u Benefiċċju tal-Mard.**

**L-awditjar u l-infurzar** tal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali, saret ir-responsabbiltà tad-**Dipartiment tat-Taxxi Interni.**

**1999**

**Żieda fir-rata ta' kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali** minn 8.3% għal **9.1%.**

**2000**

**Żieda fir-rata tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali** minn 9.1% għal **10%.**

**2001**

Żieda fl-***Allowance* għal Tfal taħt Ħarsien.**









## Kont taf li ...

Il-bolla kienet titwaħħal kull ġimgħa fuq din il-kartuna.


1976/77

C

KTIEB TAS-SIGURTA' NAZZJONALI
(National Insurance Card)
MALTA

ISTRUZZJONIJIET

INSTRUCTIONS

**2004**

**Mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea (UE)**, il-benefiċċji ma baqgħux biss id-dritt tal-Maltin. Dawk l-Istati Membri tal-UE saru eliġibbli wkoll.
Bl-istess mod, dawk iċ-ċittadini Maltin li kienu eliġibbli għal benefiċċji minn Stati Membri tal-UE, bdew jibbenefikaw minnhom skont ir-regolamenti tal-UE.

**2006**

**Ir-riforma tal-pensjoni** ġiet introdotta bil-għan li s-sistema ssir iktar adegwata u sostenibbli. **Sar tibdil fil-mod ta' kif tiġi kkalkulata l-pensjoni** għal dawk li twieldu wara l-1951.

Ġiet introdotta **żieda fl-età tal-irtirar**: minn 61 sena għall-irġiel u 60 sena għan-nisa, għal 65 sena għaż-żewġ sessi.

Il-perjodu ta' kontribuzzjoni ġie miżjud minn 30 sa 40 sena.

**2007**

Romol li jerġgħu jiżżewġu, jibqgħu jirċievu pensjoni bir-rata ta' pensjoni minima sa 5 snin wara ż-żwieġ.









## 2008

**Pensjonanti rtirati**, jistgħu jaħdmu irrispettivament mid-dħul tax-xogħol.

**Ir-rata bażika tal-*Allowance* tat-Tfal** tibda tingħata lit-tfal kollha, irrispettivament mid-dħul.

**Ir-riforma tal-1997** għall-Pensjonanti tas-Servizz tkompliet.

## 2012

Tiġi introdotta l-**Għotja għall-Anzjani** għal dawk li għandhom 80 sena u għadhom qed jgħixu fil-komunità.

Dawk in-nies li jibbenefikaw minn **Pensjoni tad-Diżabilità** issa setgħu jaħdmu u jaqalgħu sal-**Paga Minima Nazzjonali.**

## 2013

Ġew introdotti **Krediti għat-Tfal** għal skopijiet ta' pensjoni lil dawk il-ġenituri li waqfu mix-xogħol għal ftit sabiex jieħdu ħsieb uliedhom.

**Krediti tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali** jingħataw lil persuni li ma jgħaddux mit-test tal-mezzi meta japplikaw għall-Pensjoni tal-Wens.

L-età applikabbli għall-**Għotja għall-Anzjani** tiġi mnaqqsa għal **78 sena.**







# Kont taf li ...

Kien proprju fl-1975 li l-Gvern Malti għadda l-leġiżlazzjoni biex il-benefiċċji jibdew jitħallsu permezz ta' ċekk.



## 2014

Il-Pensjoni tad-Diżabilità bdiet tiġi mħallsa kompletament anke meta il-benefiċjarju jibda jaħdem jew ikun jaqla' iktar mill-Paga Minima Nazzjonali.

**Eliminazzjoni tal-*voucher* tal-Benefiċċju tal-Enerġija** hekk kif l-ammont jibda jitnaqqas direttament mill-kont tal-ilma u d-dawl.

**Pensjonanti romol** jistgħu jaħdmu mingħajr limitu għad-dħul tagħhom.

Żieda fir-rata **fl-*Allowance* għal Tfal b'Diżabilità.**

**Tnaqqis Gradwali tal-benefiċċju** introdott għal koppji u persuni waħedhom li qegħdin f'impjieg assigurabbli u li għad għandhom ulied ta' taħt it-23 sena jgħixu fl-istess residenza magħhom.

**Tnaqqis Gradwali tal-benefiċċju** estiż b'bidliet għal dawk il-persuni waħdehom li kienu qed jibbenefikaw minn assistenza soċjali waqt li jaħdmu *part-time*.








**2015**

Il-Benefiċċju għal Waqt l-Impjieg jiġi introdott għal koppji u ġenituri waħedhom li għandhom dħul baxx u li għad għandhom ulied taħt l-età ta' it-23 sena li jgħixu fl-istess residenza.

Jingħata bonus lil dawk il-persuni li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali imma xorta ma kkwalifikawx għal **Pensjoni Kontributorja.**

**Ir-rata tal-Benefiċċju tal-Maternità** żdiedet għall-ekwivalenti tal-**Paga Minima Nazzjonali** għal dawk in-nisa li jaħdmu għal rashom.

L-età applikabbli għall-**Għotja għall-Anzjani**, tonqos għal 75 sena.

Tingħata l-possibilità lil persuni bejn l-età ta' 59 u 65 sena li għadhom jaħdmu li jħallsu sa 5 snin b'lura ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali biex jikkwalifikaw jew itejbu l-pensjoni tagħhom.





## Kont taf li ...

Iċ-ċekkijiet kienu jiġu pprintjati kollha fuq folja waħda. Il-folji kienu jimtlew waħda waħda bl-idejn bid-dettalji tal-persuna u l-ammont tal-pensjoni li kellha titħallas.

Interessanti tkun taf li, iċ-ċekkijiet ta' sena sħiħa kienu jintbagħtu f'daqqa, imma l-pensjonanti kienu jsarrfuhom xahar wara xahar.

# 2016

**Livell Minimu Nazzjonali** ta' pensjoni ta' €140 fil-ġimgħa mogħtija lil dawk li għandhom rekord sħiħ ta' kontribuzzjonijiet. Ġiet introdotta skema li biha, dawk li ħallsu inqas kontribuzzjonijiet, jitħallsu pro-rata.

**Pensjoni Sħiħa tar-Romol** lil romol kemm irġiel u kemm nisa li huma eliġibbli għall-pensjoni kontributorja imma li kellhom jirrifjutawha hekk kif imut is-sieħeb jew sieħba tagħhom.

**Il-Benefiċċju għal Waqt l-Impjieg** estiż għal familji fejn xi ħadd mill-ġenituri jkun qed jaħdem.

**Irduppjar tal-Krediti tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali** għal dawk li waqfu mill-impjieg tagħhom biex jieħdu ħsieb uliedhom, mingħajr ma baqgħu jitħallsu.

**Krediti tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali** biex tkopri parzjalment perjodi ta' studji għal persuni b'MQF Level 5 sa MQF Level 8.

**Ir-Rata tal-Pensjoni** tibda titħallas minn **ġurnata wara l-irtirar** jew il-mewt tal-konjuġi.

**Pensjoni Sħiħa tar-Romol** lil dawk li jkunu eliġibbli għal pensjoni tal-irtirar hekk kif dawn jormlu.

**Inċentivi introdotti** għal nies li jagħżlu li jibqgħu fi mpjieg minflok ma jirtiraw billi jiżdidilhom persentaġġ mall-pensjonijiet futuri skont in-numru ta' snin li jkunu baqgħu jaħdmu.

**60 sena ta' Sigurtà Soċjali f'Malta tfisser 60 sena ta' servizz lejn mijiet ta' benefiċjarji. 4 uffiċjali li kienu jaħdmu fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jitkellmu fuq ir-rwol li kellhom fl-istorja tad-Dipartiment wara li qattgħu ħafna snin jaħdmu fih. B'tant nostalġija, huma jirrakkuntaw x'jiftakru mill-esperjenza tagħhom ta' servizz fi ħdan id-Dipartiment.**

**Biċe Scerri** għamlet 40 sena sservi fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

*" L-illitteriżmu... Fiż-żmien li bdejt naħdem fid-Dipartiment jien, l-illitteriżmu kien realtà li kont naffaċċja ta' kuljum. Kien hemm min konna niffirmawlu aħna. Imma l-iffirmar ma kienx daqshekk ta' sfida. L-isfida vera kienet taffaċċjana meta konna rridu infiehmu l-mod ta' kif topera xi skema ġdida partikolari lill-Maltin ta' dak iż-żmien. Wara l-Baġit, dejjem kien ikun hemm reazzjonijiet qawwija mingħand in-nies. Pereżempju tiġik persuna li minkejja li tipprova tfehimha kunċett partikolari, tinsisti li 'imma l-ġara qaltli li semgħet...' "*



*“ **Bħala pensjonijiet ...** qabel kien kollox f’daqqa: Pensjoni tal-Irtirar, Pensijoni tar-Romol ... kienu kollha taħt l-istess sezzjoni. Però eventwalment inqasmu f’sezzjonijiet differenti biex ix-xogħol ikun iktar speċjalizzat. ”*

*“ **Niftakar fis-sena 1979 ...** biex wieħed jieħu pensjoni, irid ikun ħadem minimu ta’ 156 ġimgħa ta’ kontribuzzjonijiet. Din l-iskema li ġiet introdotta, qajmet diversi reazzjonijiet mill-pubbliku: ‘imma jekk jien ħdimt dan l-ammont ta’ snin, mhux xorta ħaqqni nirċievi pensjoni?’ Mhux faċli biex twassal sistema ġdida lill-pubbliku, speċjalment meta s-sistema tmiss il-but tal-pubbliku. ”*

*“ **Fi żmien it-tmeninijiet**, niftakar li l-pensjoni tan-National Insurance kienet titħallas xahar b’xahar. Konna niktbu ċ-ċekk b’idejna, għal kull xahar. Eventwalment, biex tiżdied l-effiċjenza, il-pensjoni tan-National Insurance bdiet titħallas sena b’sena. Kien ikollna folja ta’ 13-il ċekk u konna nimlewha biex inkopru sena sħiħa f’daqqa. ”*



**Dulcie Elsworth** damet 37 sena taħdem fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Serviet fl-i*Staggers*, fit-taqsima tal-Pensjonijiet u anke fir-*Registry*.

“ **Meta dħalt l-ewwel darba mal-Gvern** *kont l-istaggers, naħdmu l-claims. Kienu jidħlu ċ-ċertifikati li kienu jieħdu ħsiebhom 5 skrivani, clerical officer u stagger clerk. Waħda mill-clerks tkun tracer ngħidulha ...*






*... Il-bqija, l-erbgħa l-oħra kien ikollna bħal skrivanija bil-binders quddiemna. Kienu jidħlulna ċertfikati tal-mard. It-tracer kienet tirreġistrahom u tqassamhomlna skont il-binder li kellna quddiemna. Konna naraw iċ-ċertifikati, niċċekkjaw in-numru ta’ kontribuzzjonijiet li kellhom u mbagħad naraw b’liema rata għandu jitħallas l-individwu partikolari: jekk hux bir-rata sħiħa jew inqas skont ir-rata ta’ dak iż-żmien...*

*... Imbagħad it-tracer kienet ittellagħlna l-GBUs (General Benefit Units). Wara, il-clerical officer kienet tiċċekkjana. Kellna l-postings - nimpostaw il-kontribuzzjonijiet tal-kotba tal-bolol fuq il-ledger sheets. Fil-bidu kollox kien manwali, il-binders konna norbtuhom ħamsin ħamsin. Imbagħad minn sistema manwali qlibna għal kollox teknoloġiku - kollox b'sistema kompjuterizzata - sistema li ħaffet il-proċess bil-kbir. ”*

**Carrie Farrugia,** bħal Dulcie, kienet taħdem fl-i*Staggers* u tiftakar affarijiet simili.

*“ **Fiż-żmien li kont naħdem fih jien**... kollox kien isir b'mod manwali. Dak iż-żmien il-bolla kienet bil-ktieb, konna niffajljaw kollox ġo kamra fuq.”*




*“ **Konna nagħmlu kuntatti ma' sezzjonijet oħra...** bħall-Pensjonijiet. U anke kien ikollna verifiers u checkers li kontinwament kienu jiċċekkjaw ix-xogħol biex inkunu ċerti li ma sar ebda żball, għax żball fil-flus taċ-ċittadini żgur li ma jintlaqax tajjeb! ”*



*“ “ **Bħala benefiċċji ...** kien ikollna x’naqsmu ma’ sickness, unemployment, marriage grants, eċċ. Biex tirċievi ħlas, irid ikollok ċertu ammont ta’ bolli. Ma jistax ikollok benefiċċju jekk ma jkollokx biżżejjed bolli tan-National Insurance imħallsin. ”*

**Frankie Tedesco** dam 31 sena jagħti s-servizz tiegħu fi ħdan id-Dipartiment.

*“ **Jiena dħalt naħdem mad-Dipartiment** f’Jannar tal-1970. Kont naħdem in-National Assistance. L-uffiċċju tagħna kien ġewwa Triq il-Merkanti l-Belt. Fil-bidu kien hemm is-CRS (Catholic Relief Services). Konna nagħtu d-dqiq, ġobon u affarijiet tal-ikel lil min ikollu bżonn. ”*



MALTA REVIEW

MALTA’S FUTURE DEPENDS ON YOUR VOTE

January 1956

• READ IT AND PASS IT ON •

No. 3. — 1956

A SCHEME OF NATIONAL INSURANCE

THE GOVERNMENT EMPLOYMENT SERVICE

The War Department and Air Ministry announce that their requirements of local labour are now obtained through the Malta Government Employment Service, as for H.M. Dockyard.

Lists of applicants for jobs previously held by the War Department and Air Ministry are closed and vacancies are no longer filled from these lists.

Persons previously registered with the War Department and Air Ministry are advised to register with the Malta Government Employment Service if they have not already done so.

*"**Xogħli kien relatat ma' assessjar** ta' jekk persuna jew familja hix eliġibbli għal assistenza finanzjarja. Ngħidu aħna jekk persuna kellha dar li tiswa iktar minn 750 Liri Maltin, ma kinitx tkun eliġibbli għal assistenza. L-assessment dejjem l-istess: konna rridu naraw kemm tippossedi; kemm għandek flus il-bank; jekk għandekx bini jew għelieqi eċċ. Ir-raba konna niddistingwu bejn bagħli, mogħxa (bil-blat), u saqwi. Anke annimali u tiġieġ konna nikkalkulaw! Jekk, ngħidu aħna, persuna għandha 25 tiġieġa jew xi baqra jew żewġ nagħġiet konna nikkalkulawhom. Kull ħaġa kienet tgħodd, anke deheb ġieli kien jiġi kkalkolat. Jekk għandek erba' ġiżirani tad-deheb, dan kien lussu. Bħala relief, meta kien ikollhom it-tfal jaħdmu, konna naqtgħulhom terz mill-paga tat-tfal. Eventwalment dak it-terz beda jonqos."*



| | Para. | Paġna |
|---|---|---|
| "Allowance" Speċjali ta' Armla u "Allowance" ta' Armla | 21 | 11 |
| Pensjoni Supplimentari ta' Armla | 22 | 11 |
| Pensjoni tas-Superstiti | 23 | 12 |
| Pensjoni għal Min Jirtira | 24 | 12 |
| Pensjoni taż-Żewġ Terzi | 25 | 13 |
| Pensjoni għal Invalidità | 26 | 14 |
| "Allowance" ta' Tutur u "Allowance" ta' Ltiema | 27 | 14 |
| Benefiċċju għal Korriment | 28 | 14 |
| Benefiċċju għal Inkapaċità | 29 | 14 |
| Benefiċċju ta' Armla u Benefiċċju ta' Armel | 30 | 15 |
| "Allowance" tal-Ġenituri | 31 | 15 |
| Gratifikazzjoni taż-Żwieġ | 32 | 15 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 33 | 15 |
| "Allowance" tat-Tfal | 34 | 15 |

PARTI III — ĠENERALI

| | | |
|---|---|---|
| Bonus | 35 | 16 |
| Pensjonanti tas-Sigurtà Nazzjonali li Qegħdin fi Sptar jew Istituzzjoni tal-Gvern | 36 | 16 |

DAHLA

Dan il-fuljett imħejji mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali jagħti tagħrif fil-qosor dwar il-benefiċċji provduti taħt it-tliet liġijiet amministrati minn dan id-Dipartiment u għalhekk it-tagħrif mogħti ma għandux jitqies bħala stqarrija sħiħa ta' dak kollu li hemm f'dawn l-istess liġijiet.

Barra minn hekk hemm bosta rqaqat fit-tliet liġijiet li taħthom jitħallsu l-benefiċċji soċjali li mhux possibbli jiġu spjegati fid-dettal kollu tagħhom f'dan il-ktieb. Għalhekk, jista' jkun hemm każi fejn għalkemm jidher li wieħed ma jkollux dritt għal xi benefiċċju, dan ikun jista' jikkwalifika għal xi benefiċċju ieħor. Fejn ċittadin isib ruħu fil-bżonn, ma għandu qatt joqgħod lura milli jieħu parir immedjatament mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

Fl-istess waqt, minbarra d-drittijiet, wieħed irid ukoll joqgħod attent għall-obbligi tiegħu taħt dawn l-istess liġijiet. It-telf ta' żmien fil-qadi ta' malajr ta' l-obbligi tagħna jista' wkoll iwassal għal telf ta' flus mhux biss mill-lat ta' benefiċċji iżda wkoll mill-lat ta' pieni għal min jonqos li jwettaq dmirijietu.

F'dan il-ktieb qed nagħtu wkoll figuri statistiċi tal-benefiċċji taħt l-iskemi tas-Sigurtà Nazzjonali u tal-Għajnuna Nazzjonali. Dan qed nagħmluh biex wieħed jista' mad-daqqa ta' għajn jara kif żviluppaw is-Servizzi Soċjali f'pajjiżna l-iktar mill-1962 'l hawn sal-lum.

Maħruġ mill-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi —
Ministeru tax-Xogħol, Kultura u Għajnuna Soċjali.

*“**Kien hemm żewġ liġijiet differenti** dak iż-żmien: in-National Assistance u n-National Insurance. Fis-sebgħinijiet mxejna ġewwa Triq ir-Repubblika. Wara sitt xhur tlajt in-National Assistance fejn konna noħorġu għajnuna bħall-pensjoni tax-xjuħ - illum tissejjaħ pensjoni tal-età mhux kontributorja. Konna noħorġu wkoll l-Għajnuna Soċjali - ir-relief u l-għajnuna tal-mard - is-Sickness Assistance.”*

*“**Is-sistema ma kinitx kif nafuha llum** ... bis-sistema kompjuterizzata. Biex nikkalkulaw, konna nagħmlu chart bl-idejn biex nikkalkulaw id-dħul. Wieħed jagħmel assessment u l-ieħor jiċċekkja u jawtorizza l-ħlas. Anke ċekkijiet kienu jsiru bl-idejn. L-area offices kienu jimlewhom. Lill-area offices konna nibgħatulhom id-dokument b’kemm għandhom iħallsu, u huma joħorġu ċ-ċekk bl-idejn.”*



**Tel:** 00356 2590 3000 / SPIC 159
**Email:** social.security@gov.mt
**Website:** www.socialsecurity.gov.mt
**Facebook:** Department of Social Security – Malta